V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-PARLAMENT EWROPEW

AVVIŻ TA' REKLUTAĠĠ PE/281/S/FINS

Analisti — SAP (AD 6 u AD 9)

(2023/C 68 A/01)

Qabel tapplika, jekk jogħġbok aqra sew il-Gwida għall-kandidati annessa ma' dan l-avviż ta' reklutaġġ.

Din il-Gwida, li hija parti integrali mill-avviż ta' reklutaġġ, tgħinek tifhem ir-regoli marbuta mal-proċeduri u l-kondizzjonijiet tal-parteċipazzjoni.

WERREJ

A. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet u rekwiżiti ta' eleġibilità

B. Żvolġiment tal-proċedura

C. Tressiq tal-applikazzjonijiet

Gwida għall-kandidati fil-proċeduri ta' selezzjoni organizzati mill-parlament ewropew

Dikjarazzjoni

A. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET U REKWIŻITI TA' ELEĠIBILITÀ

1. **Kummenti ġenerali**

Il-Parlament Ewropew iddeċieda li jniedi, abbażi tal-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea [1] (ir-Regolamenti tal-Persunal), proċedura ta' selezzjoni għar-reklutaġġ ta' uffiċjali fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi (DĠ FINS).

Id-DĠ FINS qiegħed ifittex professjonisti b'għarfien u b'kapaċitajiet ta' livell għoli li jkunu jistgħu jassistu fil-ġestjoni u fiż-żamma tal-pjattaforma SAP S4HANA tal-Parlament Ewropew, taħt ir-responsabilità tad-Direttorat Ġenerali. Il-proċedura ta' selezzjoni prinċipalment għandha l-għan li timla pożizzjonijiet vakanti fi ħdan l-Unità taċ-Ċentru ta' Kompetenza FMS fil-**Lussemburgu**.

Ir-reklutaġġ se jsir fil-gradi AD 6 u AD 9.

Il-proċedura ta' selezzjoni għandha l-għan li tifforma lista ta' **10 kandidati li jirnexxu għal kull grad**.

Għall-grad AD 9, l-ewwel skala, is-salarju bażiku huwa ta' EUR 8 786,88 fix-xahar.

Għall-grad AD 6, l-ewwel skala, is-salarju bażiku huwa ta' EUR 6 066,59 fix-xahar.

[1] ĠU 45, 14.6.1962, p. 1385/62. Test konsolidat: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20230101

Dan is-salarju huwa soġġett għat-taxxa Komunitarja u tnaqqis ieħor previst mir-Regolamenti tal-Persunal. Huwa eżenti mit-taxxa nazzjonali. L-iskala li fiha se jiġu reklutati l-kandidati li jirnexxu madankollu tista' tiġi adattata skont l-esperjenza professjonali tagħhom. Barra minn hekk, is-salarju bażiku, f'ċerti kondizzjonijiet, jiżdied b'xi allowances.

Dan l-avviż jirrigwarda żewġ gradi (AD 6 u AD 9). Il-kandidati jistgħu japplikaw għal grad wieħed biss. Għalhekk, kif hemm indikat fit-Taqsima B.1 tal-avviż ta' reklutaġġ, il-kandidati għandhom l-obbligu li jagħżlu l-grad meta japplikaw online, u ma jistgħux ibiddlu l-għażla tagħhom wara l-validazzjoni tal-applikazzjoni online tagħhom.

Madankollu, soġġett għal ċerti kondizzjonijiet, **il-bord ta' selezzjoni jista' jqassam mill-ġdid l-applikazzjonijiet għall-grad AD 9 u għall-grad AD 6**. Il-kondizzjonijiet tat-tqassim mill-ġdid huma stabbiliti fit-Taqsima B.1 tal-avviż ta' reklutaġġ.

Il-Parlament Ewropew japplika politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċetta l-applikazzjonijiet mingħajr ebda diskriminazzjoni, bħal pereżempju diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età, l-orjentament sesswali, l-istat ċivili jew is-sitwazzjoni tal-familja.

2. **Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

2.1. *Unità taċ-Ċentru ta' Kompetenza FMS*

Il-missjoni prinċipali tad-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi (DĠ FINS) tikkonsisti f'li jagħti s-setgħa lill-Parlament Ewropew biex jiġġestixxi b'mod responsabbli l-baġit tal-UE u l-baġit tiegħu stess.

Għal dan il-għan, id-DĠ FINS jiżgura:

— il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit għad-dispożizzjoni tal-Unjoni Ewropea u tal-Parlament Ewropew;

— it-trasparenza fir-rigward tal-użu ta' tali baġit;

— l-appoġġ lill-atturi politiċi tal-Parlament fil-ġestjoni finanzjarja.

Id-DĠ FINS jiżviluppa ambjent tax-xogħol semplifikat għall-partijiet ikkonċernati mil-lat finanzjarju biex jiffaċilitalhom iwettqu l-kompiti finanzjarji tagħhom. F'dan il-kuntest, l-Unità taċ-Ċentru ta' Kompetenza FMS assumiet ir-responsabilità tal-implimentazzjoni u taż-żamma tas-Sistema ta' Ġestjoni Finanzjarja (FMS) tal-Parlament Ewropew.

L-FMS ilha parti mill-panorama tal-applikazzjonijiet finanzjarji tal-Parlament Ewropew minn Jannar 2020. Tintegra l-eżekuzzjoni tal-baġit, il-kontabbiltà finanzjarja, il-ġestjoni tal-kuntratti, il-ġestjoni tal-inventarju u l-kontabbiltà tal-kostijiet fi strument wieħed.

It-tranżizzjoni lejn l-FMS ippermettiet lill-Parlament Ewropew:

— jirrazzjonalizza, jistandardizza u jawtomatizza l-proċessi baġitarji u finanzjarji ewlenin;

— itejjeb il-viżibilità u d-disponibilità tal-informazzjoni essenzjali biex jittieħdu deċiżjonijiet għal-livell maniġerjali superjuri u medju;

— jeżerċita kontroll aħjar tar-riżorsi disponibbli (umani, informatiċi u finanzjarji).

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FMS dan l-aħħar evolva biex jinkorpora oqsma ġodda li jkopru proċessi oħrajn, pereżempju l-kalkolu tar-remunerazzjonijiet, tal-allowances u tal-pensjonijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew u l-ħolqien ta' rapporti finanzjarji maniġerjali ġodda.

2.2. *Kompiti*

L-Unità taċ-Ċentru ta' Kompetenza FMS se tkun l-unità prinċipali li fiha l-kandidati li jirnexxu se jiġu reklutati. L-analisti li jiġu reklutati mistennijin jwettqu, bl-Ingliż, diversi kompiti fost dawn li ġejjin għall-implimentazzjoni u/jew għaż-żamma tas-sistemi SAP ġestiti mill-unità:

— id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-proċessi fil-pjattaforma S4HANA Finanzi u Akkwist. L-għarfien tal-istrumenti S4HANA HCM and BW4HANA, użati wkoll mill-Parlament Ewropew, jitqies vantaġġ;

— il-ġbir tar-rekwiżiti tas-settur u t-trasformazzjoni tagħhom f'soluzzjonijiet funzjonali;

— ir-razzjonalizzazzjoni tal-proċessi SAP, bl-allinjament tagħhom mar-rekwiżiti tas-settur;

— il-proġettazzjoni tal-integrazzjonijiet SAP mal-applikazzjonijiet legacy tal-klijenti;

— it-teħid ta' azzjonijiet neċessarji għaż-żamma tal-applikazzjonijiet SAP (ammeljoramenti, titjib, korrezzjonijiet, eċċ.);

— it-twettiq ta' testijiet funzjonali; il-ġestjoni tat-testijiet tal-aċċettazzjoni min-naħa tal-utenti finali;

— l-għoti ta' appoġġ lill-utenti, inkluż it-taħriġ professjonali;

— il-parteċipazzjoni fil-koordinament u fis-superviżjoni tax-xogħol li jikkonsenjaw il-fornituri esterni;

— l-għoti ta' kontribut fl-eżekuzzjoni tal-proġetti rikjesti għat-tlestija tal-pjanijiet strateġiċi tad-Direttorat Ġenerali, b'mod partikolari użu futur potenzjali tas-soluzzjonijiet cloud, u l-integrazzjoni effiċjenti mal-prodotti SAP il-ġodda.

2.3. *Ħiliet mitluba*

Il-kandidati li jirnexxu jkollhom juru l-ħiliet u l-kompetenzi li ġejjin fl-eżekuzzjoni tal-kompiti speċifikati qabel:

— il-kapaċità li jikkomunikaw b'mod ċar u preċiż bl-Ingliż, kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba;

— il-kapaċità li jidentifikaw l-fatti kritiċi fi kwistjonijiet kumplessi u jiżviluppaw soluzzjonijiet kreattivi u prattiċi;

— il-kapaċità li jaħdmu f'timijiet bi spirtu ta' kooperazzjoni, iħeġġu l-ksib ta' objettivi kondiviżi u l-iskambju tal-għarfien ma' kollegi oħra;

— il-kapaċità li jħarrġu lill-utenti finali u jikkondividu magħhom l-għarfien b'mod effiċjenti;

— il-kapaċità li jagħtu l-prijorità lill-aktar kompiti importanti u jorganizzaw il-volum ta' xogħol b'mod effiċjenti;

— il-kapaċità li jaħdmu b'mod effikaċi taħt pressjoni u juru flessibilità biex jadattaw ruħhom għall-ambjent tax-xogħol f'evoluzzjoni;

— l-impuls li jieħdu l-inizjattiva u jagħmlu xogħol ta' kwalità għolja;

— jikkonċentraw b'mod ċar fuq l-orjentament tal-klijent (internament u esternament).

3. **Eleġibilità**

Fid-data li fiha jagħlqu l-applikazzjonijiet, il-kandidati għandhom jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti ġenerali u speċifiċi li ġejjin:

(a) ***Rekwiżiti ġenerali***

Skont l-Artikolu 28 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, il-kandidati għandhom:

— ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

— igawdu mid-drittijiet ċivili kollha;

— ikunu ssodisfaw kull obbligu impost fuqhom mil-liġijiet dwar is-servizz militari;

— jistgħu joffru l-garanziji ta' moralità mitluba għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet previsti.

(b) ***Rekwiżiti speċifiċi ta' eleġibilità***

(i) *Kwalifiki meħtieġa*

Għall-grad AD 6:

Il-kandidati għandhom ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal ċiklu sħiħ ta' studji universitarji ta' mill-inqas tliet snin, iċċertifikat b'diploma rikonoxxut uffiċjalment f'wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Għall-grad AD 9:

Il-kandidati għandhom ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal ċiklu sħiħ ta' studji universitarji ta' mill-inqas erba' snin, iċċertifikat b'diploma rikonoxxut uffiċjalment f'wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea,

jew

livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal ċiklu sħiħ ta' studji universitarji ta' mill-inqas tliet snin, iċċertifikat b'diploma rikonoxxut uffiċjalment f'wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, segwit minn esperjenza professjonali ta' mill-inqas sena fil-qasam tal-proċedura ta' selezzjoni.

Id-diplomi, kemm jekk maħruġa fi Stat Membru jew f'pajjiż terz, iridu jiġu rikonoxxuti minn organu uffiċjali ta' Stat Membru tal-UE, bħall-ministeru tal-edukazzjoni.

Il-kandidati detenturi ta' diplomi maħruġa f'pajjiż terz għandhom jattestaw l-ekwivalenza tad-diplomi tagħhom fl-UE. Aktar informazzjoni dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki mhux tal-UE tinsab fin-networks ENIC-NARIC (https://www.enic-naric.net).

Il-bord ta' selezzjoni se jqis id-differenzi bejn is-sistemi edukattivi tal-Istati Membri.

Aktar informazzjoni tinsab fl-Anness I tal-Gwida għall-kandidati fil-proċeduri ta' selezzjoni organizzati mill-Parlament Ewropew.

(ii) *Esperjenza professjonali meħtieġa*

Wara li jkunu kisbu l-kwalifiki li jagħtu aċċess għall-proċedura ta' selezzjoni (ara l-punt (i) ta' hawn fuq), il-kandidati għandhom ikunu kisbu l-esperjenza professjonali u l-għarfien tekniku fil-qasam tal-SAP.

— **Għall-grad AD 6**: mill-inqas **sentejn** esperjenza professjonali b'rabta mal-kompiti msemmija hawn fuq (Taqsima 2.2) fil-moduli tal-SAP fil-qasam tal-finanzi u tal-akkwist.

— **Għall-grad AD 9**: mill-inqas **10 snin** esperjenza professjonali b'rabta mal-kompiti msemmija hawn fuq (Taqsima 2.2) fil-moduli tal-SAP fil-qasam tal-finanzi u tal-akkwist. Il-kandidati għandhom ikollhom esperjenza relatata mal-pjattaforma S4HANA fil-moduli tal-qasam tal-finanzi jew tal-akkwist ta' mill-inqas tliet snin (li tista' tiddaħħal fir-rekwiżit minimu ta' 10 snin, kif imsemmi hawn fuq).

(iii) *Għarfien lingwistiku*

Il-kandidati jrid ikollhom **għarfien komplut (mill-inqas ta' livell C1)** ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea **(lingwa 1)**: il-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Irlandiż, l-Ispanjol, l-Iżvediż, il-Kroat, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, it-Taljan u l-Ungeriż,

u

għarfien sodisfaċenti (mill-inqas ta' livell B2) tal-Ingliż (lingwa 2). Il-lingwa 2 trid tkun differenti mil-lingwa 1. Jekk il-lingwa 1 ta' kandidat tkun l-Ingliż, il-lingwa 2 trid tkun kwalunkwe lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea (mill-inqas livell B2).

Il-kandidati għandhom ikunu jafu li l-livelli minimi meħtieġa hawn fuq japplikaw għal kull qasam ta' kapaċità lingwistika (taħdit, kitba, qari, smigħ) imsemmija fil-formola tal-applikazzjoni. Dawn il-kapaċitajiet jikkorrispondu għal dawk speċifikati fil-*Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi* (https://europa.eu/europass/common-european-framework-reference-language-skills).

L-għażliet lingwistiċi għall-finijiet ta' din il-proċedura ta' selezzjoni ġew definiti skont l-interess tas-servizz. Fid-dawl tad-dmirijiet involuti, il-pożizzjoni ta' analista SAP titlob kapaċitajiet speċifiċi kif stabbiliti fit-Taqsima A.2 ta' dan l-avviż ta' reklutaġġ.

Kważi x-xogħol kollu tal-Unità taċ-Ċentru ta' Kompetenza FMS isir bl-Ingliż. L-Ingliż huwa l-lingwa użata fil-komunikazzjoni ma' direttorati ġenerali oħra tal-Parlament u mal-korpi politiċi tal-Parlament Ewropew kif ukoll mal-forniturі esterni tas-sistemi SAP. Barra minn hekk, l-Ingliż huwa l-lingwa użata fil-laqgħat u fil-produzzjoni ta' dokumenti funzjonali u tekniċi. Għaldaqstant, fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħhom u biex jiżguraw il-funzjonament korrett tas-servizz, il-kandidati rreklutati għandhom ikunu jistgħu jaħdmu u jikkomunikaw b'mod effettiv bl-Ingliż.

B. ŻVOLĠIMENT TAL-PROĊEDURA

Il-proċedura hija organizzata abbażi ta' **testijiet**.

1. **Ammissjoni**

Il-bord ta' selezzjoni se jivvaluta l-applikazzjoni tiegħek fid-dawl tar-rekwiżiti speċifiċi ta' eleġibilità (Taqsima A.3). Jekk tissodisfa r-rekwiżiti speċifiċi ta' eleġibilità, il-bord ta' selezzjoni se jammettik għall-proċedura ta' preselezzjoni. **Il-bord jibbaża d-deċiżjonijiet tiegħu esklużivament fuq l-informazzjoni mogħtija fil-formola tal-applikazzjoni li tkun appoġġata minn dokumenti ġustifikattivi.**

NB: fl-applikazzjoni online, il-kandidati għandhom jispeċifikaw il-grad li għalih qed japplikaw (AD 6 jew AD 9). Il-kandidati kollha għandhom itellgħu wkoll *il-formola ta' dikjarazzjoni debitament mimlija* fit-taqsima rilevanti tal-applikazzjoni. *Jekk il-kandidati li japplikaw għall-grad AD 9 ma jippreżentawx dikjarazzjoni jew jekk id-dikjarazzjoni ma tkunx kompluta, l-applikazzjoni tagħhom titqies inammissibbli.*

Għall-applikazzjonijiet għall-grad AD 9: huwa u jivverifika l-eleġibilità, il-bord ta' selezzjoni jista' jqassam mill-ġdid applikazzjoni għall-grad AD 6 jekk:

— id-dettalji li ngħataw fl-applikazzjoni jagħmluha ċara li l-kandidat ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' eleġibbiltà għall-grad AD 9, iżda jissodisfahom għall-grad AD 6;

u

— il-kandidat, fid-dikjarazzjoni, **ikun ta l-kunsens tiegħu għat-tqassim mill-ġdid għall-grad AD 6**. Il-kandidati għandhom ikunu jafu li, jekk ma titressaq l-ebda dikjarazzjoni jew jekk id-dikjarazzjoni ma tkunx kompluta, il-kandidati li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' eleġibbiltà għall-grad AD 9 ma jistgħux jgħaddu għall-grad AD 6 u għalhekk ma jkunux ammessi għall-proċedura ta' selezzjoni.

2. **Testijiet**

(a) ***Test ta' preselezzjoni b'mistoqsijiet b'għażla multipla (MCQs)***

Jekk il-bord ta' selezzjoni jiddeċiedi l-ammissjoni għall-proċedura ta' selezzjoni, il-kandidati se jiġu mistiedna jagħmlu test ta' preselezzjoni fil-forma ta' sett ta' mistoqsijiet b'għażla multipla (MCQs) ibbażati fuq il-kompjuter, dment li jkunu ressqu l-fajl tal-applikazzjoni tagħhom:

— skont il-modalitajiet stabbiliti fit-Taqsima C, u

— sad-data li fiha jagħlqu l-applikazzjonijiet kif stabbilita fit-Taqsima C.

It-test MCQ jsir bl-Ingliż.

It-test MCQ jikkonsisti f'massimu ta' 30 mistoqsija maħsuba li jivvalutaw il-kapaċità tal-kandidati li jidentifikaw l-informazzjoni relatata mad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet (Taqsima A.2). Il-punteġġ minimu meħtieġ huwa 50 %.

It-test idum massimu ta' 45 minuta u jsir online.

(b) ***Test bil-miktub***

It-test bil-miktub jiġi organizzat bl-Ingliż u huwa maħsub biex jivvaluta l-idoneità tal-kandidati fir-rigward tal-kompiti speċifikati fid-deskrizzjoni tal-funzjonijiet (Taqsima A.2).

Il-bord ta' selezzjoni se jivvaluta mhux biss it-tweġibiet għat-test bil-miktub mil-lat tekniku, iżda wkoll se jevalwa l-kapaċità tal-kandidati fil-kitba ta' testi, b'attenzjoni partikolari għall-kapaċità li jikkomunikaw b'mod strutturat, loġiku u ċar.

It-test bil-miktub isir direttament wara t-test ta' preselezzjoni MCQ. **Jekk il-kandidati ma jġibux mill-inqas il-punteġġ minimu fit-test ta' preselezzjoni MCQ, it-test bil-miktub ma jiġix kkoreġut.**

It-test bil-miktub idum massimu ta' 120 minuta.

Punteġġ: minn 0 sa 60 punt (minimu meħtieġ: 30 punt).

It-test isir online.

L-**20 kandidat, għal kull grad tal-proċedura ta' selezzjoni,** li jkunu kisbu l-ogħla punteġġi fit-test bil-miktub jiġu mistiedna għat-test orali, bil-kondizzjoni li jkunu kisbu l-punteġġ minimu meħtieġ fit-test bil-miktub. Jekk ikun il-każ, il-bord ta' selezzjoni jqis il-kandidati *ex aequo* kollha għall-aħħar post disponibbli għal kull grad.

(c) ***Testijiet orali***

Intervista mal-bord ta' selezzjoni bl-Ingliż biex tiġi vvalutata l-idoneità tal-kandidati li jwettqu l-kompiti, kif ukoll il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom kif definiti fit-Taqsima A.2 (Deskrizzjoni tal-funzjonijiet), b'kont meħud tal-informazzjoni kollha li tinsab fil-fajl tal-applikazzjoni. Il-bord ta' selezzjoni se jivvaluta l-lingwa 1 tal-kandidati kollha li jiddikjaraw li l-lingwa 2 tagħhom hija l-Ingliż, u se jivvaluta wkoll il-lingwa l-oħra tal-kandidati li ddikjaraw li l-lingwa 1 tagħhom hija l-Ingliż.

Tul massimu: 45 minuta.

Punteġġ: minn 0 sa 40 punt (minimu meħtieġ: 20 punt).

It-test orali jista' jiġi organizzat mill-bogħod.

Il-kandidati se jirċievu fi żmien xieraq l-istruzzjonijiet dwar it-testijiet bil-miktub u orali. It-testijiet isiru f'data u f'ħin speċifiċi. Il-kandidati li ma jirrispondux għall-istedina, li ma jkunux jistgħu jiġu kkuntattjati bl-email jew li ma jkunux preżenti għat-test, jirriskjaw li jiġu skwalifikati. L-istruzzjonijiet mogħtija għandhom jiġu segwiti kelma b'kelma. In-nuqqas ta' rispett tal-istruzzjonjiet jew imġiba mhux konformi magħhom iwasslu għall-iskwalifika immedjata tal-kandidat.

3. **Inklużjoni fil-lista tal-kandidati idonei**

Il-bord ta' selezzjoni se tifforma, **lista ta' 10 kandidati idonei għal kull grad tal-proċedura ta' selezzjoni,** li tkun fiha l-ismijiet tal-kandidati eleġibbli li jkunu kisbu l-ogħla punteġġi kumplessivi. Il-punteġġ kumplessiv jikkonsisti mis-somma tan-numru ta' punti miksuba għat-test bil-miktub u għat-test orali, bil-kondizzjoni li l-kandidati jkunu kisbu l-punteġġ minimu meħtieġ f'kull wieħed mit-testijiet bil-miktub u orali. L-ismijiet tal-kandidati li jirnexxu jidhru, għal kull grad, f'ordni alfabetiku. Il-lista tista' tinkludi l-kandidati *ex aequo* kollha għall-aħħar post disponibbli għal kull grad.

Il-validità tal-lista tal-kandidati idonei tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2026. Il-validità tagħha tista' tiġi prorogata permezz ta' deċiżjoni tal-awtorità tal-ħatra. F'dan il-każ, il-kandidati mniżżla fil-lista se jkunu infurmati f'ħin utli.

Il-kandidati li jirnexxu jiġu infurmati individwalment bir-riżultati tagħhom u l-lista tal-kandidati idonei tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-Parlament Ewropew.

Jekk jirċievu offerta ta' impjieg, il-kandidati jkollhom jippreżentaw, għal finijiet ta' verifika, il-kopji oriġinali tad-dokumenti kollha meħtieġa, inklużi d-diplomi u ċ-ċertifikati tal-impjieg.

Il-fatt li isem il-kandidati jitniżżel fil-lista tal-kandidati idonei ma jikkostitwixxi la dritt u lanqas garanzija ta' reklutaġġ.

C. TRESSIQ TAL-APPLIKAZZJONIJIET

Kif tapplika

L-applikazzjoni ssir permezz tal-pjattaforma Apply4EP:

https://apply4ep.gestmax.eu/search/index/lang/mt_MT

Aqra sew il-Gwida għall-kandidati fil-kompetizzjonijiet u fil-proċeduri ta' selezzjoni organizzati mill-Parlament Ewropew qabel ma timla l-formola tal-applikazzjoni u tibgħat id-dokumenti ġustifikattivi rilevanti.

Data li fiha jagħlqu l-applikazzjonijiet

Id-data li fiha jagħlqu l-applikazzjonijiet hija:

it-13 ta' April 2023, fil-17.00, ħin tal-Lussemburgu.

Malli tivvalida l-formola tal-applikazzjoni tiegħek, tintbagħatlek konferma awtomatikament.

Il-kandidati huma mitluba MA JĊEMPLUX lis-servizzi tal-Parlament biex jitolbu informazzjoni dwar il-proċedura ta' selezzjoni.

Gwida għall-kandidati fil-kompetizzjonijiet/proċeduri ta' selezzjoni organizzati mill-Parlament Ewropew

Għall-finijiet ta' dan id-dokument, it-terminu "avviż" jirreferi għal "avviż ta' kompetizzjoni" f'kompetizzjoni u għal "avviż ta' reklutaġġ" fil-kuntest ta' proċedura ta' selezzjoni.

1. INTRODUZZJONI

Kif tiżvolġi kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni?

Kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni tinvolvi sensiela ta' stadji fejn il-kandidati jikkompetu bejniethom; din hija miftuħa għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea li, sad-data tal-iskadenza stabbilita għat-tressiq tal-applikazzjonijiet, jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eleġibilità, toffri l-istess possibilità lill-kandidati kollha biex juru ħiliethom u tippermetti selezzjoni bbażata fuq il-mertu, fir-rispett tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

Il-kandidati li jgħaddu mill-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni jitniżżlu f'lista ta' kandidati idonei li se sservi bħala bażi għall-Parlament Ewropew sabiex jimla l-pożizzjonijiet tiegħu skont il-ħtiġijiet tiegħu.

Għal kull kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni jiġi kostitwit bord ta' selezzjoni [1]. Il-membri tiegħu jinħatru mill-amministrazzjoni u l-kumitat tal-persunal. Ix-xogħlijiet tiegħu huma sigrieti u jiżvolġu skont l-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea [2].

Il-bord ta' selezzjoni jimxi b'mod strett mar-rekwiżiti ta' eleġibilità msemmija fl-avviż biex jiddeċiedi dwar l-eleġibilità jew le ta' kull kandidat. Il-kandidati li kienu ammessi għal kompetizzjoni jew proċedura ta' selezzjoni preċedenti ma jkunux awtomatikament eleġibbli.

Sabiex jagħżel l-aħjar kandidati, il-bord ta' selezzjoni jqabbel il-prestazzjonijiet tal-kandidati sabiex jivvaluta l-ħila tagħhom biex iwettqu l-funzjonijiet deskritti fl-avviż. Għalhekk ma għandux biss jivvaluta l-livell tal-għarfien tagħhom, iżda għandu jidentifika wkoll il-persuni l-aktar kwalifikati abbażi tal-merti tagħhom.

Għall-informazzjoni, kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni ġeneralment iddum bejn sitt xhur u tnax-il xahar, skont in-numru ta' kandidati.

2. STADJI TAL-KOMPETIZZJONI/TAL-PROĊEDURA TA' SELEZZJONI

L-istadji tal-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni huma dawn li ġejjin:

— wasla tal-fajls tal-applikazzjoni,

— l-iskrutinju tal-kundizzjonijiet ta' eleġibilità;

— evalwazzjoni tal-kwalifiki (abbażi tal-avviż);

— testijiet,

— inklużjoni fil-lista ta' kandidati idonei.

2.1. **Wasla tal-fajls tal-applikazzjoni**

Ir-reġistrazzjoni ssir esklużivament fuq il-pjattaforma online Apply4EP billi ssegwi b'mod rigoruż kull stadju sal-validazzjoni elettronika finali tal-applikazzjoni tiegħek (ara l-punt 3 ta' din il-gwida). Jeħtieġlek tehmeż, preferibbilment fil-format PDF, id-dokumenti ġustifikattivi rilevanti kollha meħtieġa li jagħtu prova li inti tissodisfa r-rekwiżiti ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-avviż. Dawn id-dokumenti jippermettu lill-bord ta' selezzjoni jivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni. Hija responsabilità tiegħek li d-dokumenti li tipprovdi jkunu ta' kwalità tajba biżżejjed biex jinqraw.

Il-pjattaforma Apply4EP tippermettilek ittella' dokumenti sa massimu ta' 5 MB għal kull dokument, f'format DOC, DOCX, GIF, JPG, TXT, PDF, PNG u RTF li jiċċertifikaw l-esperjenza professjonali, id-diploma/i u, eventwalment, l-għarfien lingwistiku msemmija fil-formola tal-applikazzjoni.

2.2. **L-iskrutinju tal-kundizzjonijiet ta' eleġibilità**

Il-lista tal-kandidati li jkunu ssottomettew il-fajl tal-applikazzjoni tagħhom skont il-modalitajiet u fiż-żmien dovut tiġi stabbilita mill-Awtorità tal-Ħatra u mbagħad tintbagħat flimkien mal-fajls lill-bord ta' selezzjoni.

---

[1] Għall-finijiet ta' dan id-dokument, it-terminu "bord ta' selezzjoni" jirreferi għal kwalunkwe tip ta' kumitat ta' selezzjoni u bord ta' selezzjoni. Fil-kuntest ta' kompetizzjoni, huwa bord ta' selezzjoni. Fil-kuntest ta' proċedura ta' selezzjoni, huwa kumitat ta' selezzjoni.

[2] ĠU 45, 14.6.1962, p. 1385/62. Test konsolidat: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20230101

Il-bord ta' selezzjoni jeżamina l-fajls tal-applikazzjoni u jistabbilixxi lista ta' kandidati li jissodisfaw il-kriterji ta' eleġibilità stabbiliti fl-avviż. Huwa jibbaża **esklużivament** fuq l-informazzjoni mogħtija fil-formola tal-applikazzjoni **li tkun appoġġjata minn dokumenti ġustifikattivi**.

L-istudji, it-taħriġ, l-esperjenza professjonali u l-għarfien lingwistiku għandhom jiġu speċifikati fid-dettall fil-formola tal-applikazzjoni, jiġifieri:

— għall-istudji: id-dati tal-bidu u tat-tmiem, kif ukoll id-deskrizzjoni tad-diploma jew tad-diplomi u s-suġġetti studjati;

— għall-esperjenza professjonali eventwali: id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-esperjenza, kif ukoll **deskrizzjoni preċiża tal-kompiti mwettqa**. Il-ħin tax-xogħol jew in-numru ta' sigħat maħduma kull jum/ġimgħa/xahar għandhom jiġu speċifikati wkoll.

Jekk tkun ippubblikajt studji, artikli, rapporti jew testi oħra b'rabta man-natura tal-funzjonijiet deskritti fl-avviż, inti għandek tinkludihom fil-formola tal-applikazzjoni.

Kull perjodu ta' esperjenza professjonali jista' jitqies darba biss. L-esperjenza professjonali għandha tkun rilevanti għall-kompiti mwettqa, għandha tikkostitwixxi xogħol ġenwin u effettiv u għandha tkun rimunerata. Madankollu, każijiet partikolari ta' esperjenza professjonali jitqiesu kif ġej:

— esperjenza professjonali bħala voluntier: jekk tkun irregolata b'kuntratt jew bi ftehim formali ekwivalenti u jekk iddum mhux anqas minn ħames xhur full-time. Il-kreditu totali għall-esperjenza bħala voluntier m'għandux ikun aktar minn sena.

— traineeships imħallsa jew mhux imħallsa: jekk ma jiffurmawx parti minn kors ta' studju u jekk ma damux anqas minn ħames xhur full-time. Il-kreditu totali għat-traineeships m'għandux ikun aktar minn sena. It-tul minimu tat-traineeships li jridu jiġu kkompletati biex jinkiseb aċċess għal professjoni biss għandu jiġi ttrattat bħala esperjenza professjonali rilevanti, u biss jekk il-persuna kkonċernata tkun fil-fatt kisbet d-dritt li teżerċita l-professjoni inkwistjoni.

— servizz militari jew ċivili obbligatorju: ikkreditat għat-tul ta' żmien li fil-fatt dam is-servizz. F'dan il-każ speċifiku, tali esperjenza għandha titqies irrispettivament mid-data li fiha nkisbet id-diploma li tagħti aċċess għall-grupp ta' funzjonijiet u l-grad rilevanti.

— leave tal-maternità/paternità/adozzjoni/ġenituri/familja: jekk kopert minn kuntratt ta' impjieg; jitqies bħala xogħol 100 fil-mija irrispettivament minn jekk itteħidx fuq bażi full-time jew half-time.

— dottorat: għal massimu ta' tliet snin, dment li d-dottorat ikun fil-fatt inkiseb.

— xogħol part-time: ikkalkulat pro rata abbażi tan-numru ta' sigħat maħduma (eż. jumejn f'ġimgħa tax-xogħol ta' ħamest ijiem għal tul ta' 10 xhur ikunu jgħoddu bħala 4 xhur). Madankollu, il-bord ta' selezzjoni, filwaqt li jeżerċita s-setgħa diskrezzjonali tiegħu, jista' jiddeċiedi li jqis bħala esperjenza full-time esperjenza ta' xogħol li tammonta għal mill-inqas esperjenza half-time. Dan ifisser li esperjenza professjonali ta' 50 fil-mija tal-ħin tax-xogħol normali jew aktar meta mqabbel max-xogħol full-time tista' tiġi kkalkulata bħala full-time (i.e. 100 fil-mija).

Mhumiex se jiġu ammessi f'dan l-istadju l-kandidati li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet ta' eleġibilità stabbiliti fl-avviż, il-kandidati li d-dokumenti ġustifikattivi mehmuża tagħhom ma jikkorroborawx b'mod suffiċjenti u/jew preċiż l-informazzjoni pprovduta fil-formola tal-applikazzjoni, kif ukoll il-kandidati li d-dokumenti ġustifikattivi tagħhom ma jippermettux lill-bord ta' selezzjoni jivverifika li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eleġibilità stabbiliti fl-avviż.

Kull kandidat jiġi informat b'email dwar id-deċiżjoni tal-bord ta' selezzjoni jekk ġiex ammess jew le għat-testijiet.

2.3. **Evalwazzjoni tal-kwalifiki**

Jekk indikat fl-avviż, il-bord ta' selezzjoni jivvaluta l-kwalifiki tal-kandidati magħżula sabiex jagħżel il-kandidati li jiġu mistiedna għat-testijiet. Huwa jibbaża **esklużivament** fuq l-informazzjoni mogħtija fil-formola tal-applikazzjoni li tkun **appoġġjata minn dokumenti ġustifikattivi rilevanti** (preferibbilment fil-format PDF). Il-bord ta' selezzjoni għandu jibbaża ruħu fuq il-kriterji li jkun stabbilixxa minn qabel, filwaqt li jqis il-kwalifiki stabbiliti fl-avviż.

Kull kandidat jiġi informat b'email dwar id-deċiżjoni tal-bord ta' selezzjoni jekk ġiex ammess jew le għat-testijiet.

2.4. **Testijiet**

Jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-eleġibilità u tiġi kklassifikata fost l-aħjar kandidati fil-valutazzjoni tal-kwalifiki (jekk ikun hemm), tiġi mistieden għat-testijiet. It-testijiet kollha huma obbligatorji u eliminatorji. In-numru massimu ta' kandidati ammessi għat-testijiet huwa stabbilit fl-avviż. Id-deskrizzjoni tat-testijiet u l-marki li jistgħu jingħataw jinsabu fl-avviż.

Dettalji tekniċi — Testijiet online (MCQ u testijiet bil-miktub)

Għat-testijiet organizzati online, il-Parlament Ewropew iqabbad lil fornitur tas-servizzi.

Għaldaqstant se jkollok bżonn kompjuter (desktop jew laptop) li jkollu:

— sistema operattiva Microsoft Windows 10 jew aktar avvanzata, jew inkella Apple OS X 10.13 jew aktar avvanzata għal Mac;

— kapaċità ta' 1 GB ta' spazju liberu fuq il-hard disk;

— kamera fuq in-naħa ta' quddiem li tkun konnessa mal-kompjuter tiegħek jew integrata fih;

— konnessjoni tal-Internet;

— 4 GB ta' RAM.

Jekk ikun hemm tibdil fir-rekwiżiti tekniċi minimi bħala konsegwenza ta' aġġornament tas-software, tirċievi notifika qabel it-testijiet.

Is-sistemi operattivi XP, Vista u inqas avvanzata, Windows 10 S, Windows ARM (RT), MacOs inqas minn 10.11, IOS (iPad, iPhone), Android, Chromebook, Virtual Machine, Linux (Debian, Ubuntu, …) u OS ta' 32 bits ma jgħoddux.

Irid ikollok ukoll drittijiet ta' amministratur għall-kompjuter jew il-laptop biex timblokka l-aċċess għall-applikazzjonijiet (dokumenti, software ieħor, siti web, eċċ.), ħlief dik tal-fornitur tas-servizzi matul id-durata tat-test.

Trid taċċerta ruħek li l-kompjuter tiegħek huwa ssettjat fil-ħin u d-data korretti u li r-riżoluzzjoni tal-iskrin tiegħek hija korretta.

Jeħtieġlek tniżżel, tinstalla, tivverifika u tittestja l-applikazzjoni mill-aktar fis possibbli (mill-inqas ġimgħa qabel it-test). Biex tkun tista' tittestja l-applikazzjoni wara l-installazzjoni, inti mistieden twettaq test ta' prerekwiżiti tekniċi meta taċċedi għaliha. **Dan it-test ta' prerekwiżiti tekniċi huwa obbligatorju u jrid isir fuq il-kompjuter li se jintuża dakinhar tat-test.** Dan it-test ta' prerekwiżiti tekniċi mhux se jkun ikkoreġut. Dan jippermettilek tiffamiljarizza ruħek mal-applikazzjoni u mal-użu tagħha.

Kwalunkwe antivirus fuq il-kompjuter irid jiġi diżattivat matul it-test.

Jekk, fi kwalunkwe stadju tal-kompetizzjoni/tal-proċedura ta' selezzjoni, tiltaqa' ma' problema teknika, informa b'dan lill-Unità tas-Selezzjoni tat-Talenti permezz tal-kont Apply4EP tiegħek, billi tindika b'mod ċar in-numru u t-titolu tal-kompetizzjoni/tal-proċedura ta' selezzjoni u l-problema li tkun iltqajt magħha, sabiex inkunu nistgħu neżaminaw il-kwistjoni u, jekk ikun meħtieġ, nieħdu miżuri korrettivi.

***Dakinhar tat-test*: matul it-test, qis li ma jkollokx għalfejn titlaq minn quddiem il-kompjuter tiegħek. Issib aktar informazzjoni dwar kif se jseħħ it-test u dwar x'għandek u x'ma għandekx tagħmel matulu fid-dokument ta' informazzjoni li se jintbagħatlek mal-ittra ta' stedina għat-test.**

Jekk issib problema matul it-test, *ċempel minnufih lill-fornitur tas-servizzi*, fuq in-numru + 33 176411488 biex tkun tista' ssolvi l-problema u tkompli bit-test tiegħek.

F'każ ta' abbandun, it-testijiet ma jiġux ikkoreġuti.

Id-data u l-ħin indikati fl-istedina għat-test bil-miktub (jew MCQ) online huma l-uniċi data u ħin possibbli. Jekk ma tkunx tista' tieħu sehem f'test, ma jkollokx possibilità oħra li tagħmlu.

Għalkemm, għal raġunijiet ta' organizzazzjoni, it-testijiet isiru fl-istess jum, dawn se jiġu kkoreġuti fl-ordni li fihom jidhru fl-avviż. Jekk wieħed jew waħda mill-kandidati ma jiksbux il-punteġġ minimu meħtieġ f'test, il-bord ta' selezzjoni ma jikkoreġix it-test suċċessiv.

2.5. **Lista ta' kandidati idonei**

Il-lista tal-kandidati idonei tkun ippubblikata bl-ismijiet tal-kandidati magħżula.

Din issir disponibbli għall-pubbliku bl-ismijiet tal-kandidati magħżula. Il-fatt li isem kandidat jitniżżel fil-lista ta' kandidati idonei jfisser li jista' jiġi mistieden minn wieħed mis-servizzi tal-istituzzjoni għal intervista, iżda dan ma jikkostitwixxi la dritt u lanqas garanzija ta' reklutaġġ min-naħa tal-istituzzjoni.

3. KIF TAPPLIKA?

3.1. **Ġenerali**

Qabel tapplika, għandek tiċċekkja bir-reqqa li tissodisfa l-kriterji ta' eleġibilità kollha, billi tieħu nota tal-avviż u ta' din il-gwida u billi taċċetta t-termini.

Il-Parlament Ewropew joffri pjattaforma online, Apply4EP, biex tapplika għal dawn il-kompetizzjonijiet/proċeduri ta' selezzjoni. Hija aċċessibbli fl-indirizz li ġej: https://apply4ep.gestmax.eu/search/index/lang/mt_MT. Biex toħloq kont f'Apply4EP, ikklikkja fuq it-tab "Applika online" li tinsab fi tmiem l-avviż li tkun tixtieq tapplika għaliha, u segwi l-istruzzjonijiet.

Tista' toħloq kont **wieħed biss**. Madankollu, tista' timmodifika d-data personali rreġistrata tiegħek sabiex taġġorna kwalunkwe informazzjoni dwarek.

Twissija: jekk tħalli l-paġna mingħajr ma ssalva qabel ma tkun iffinalizzajt l-applikazzjoni tiegħek, jew jekk is-sessjoni fuq Apply4EP tiskadi (massimu ta' 120 minuta), titlef l-informazzjoni li tkun tellajt u jkollok terġa' tibda mill-bidu. Għalhekk, qis li tlesti minn qabel id-dokumenti ġustifikattivi kollha li jkollok bżonn tehmeż mal-formola tal-applikazzjoni.

Inti meħtieġ timla online l-formola tal-applikazzjoni u tehmeż, preferibbilment fil-format PDF, id-dokumenti ġustifikattivi kollha meħtieġa. Huma jridu jagħtu prova li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-avviż, li jippermettu lill-bord ta' selezzjoni jivverifika l-eżattezza tad-data. Hija responsabilità tiegħek li d-dokumenti li tipprovdi jkunu ta' kwalità tajba biżżejjed biex jinqraw.

Ma jkunx possibbli li tirreġistra wara li jkunu skorrew id-data u l-ħin ta' skadenza stabbiliti fl-avviż. Huwa ferm irrakkomandat li ma tistenniex sal-aħħar jum biex tippreżenta l-formola tal-applikazzjoni tiegħek. Il-Parlament Ewropew ma jistax jinżamm responsabbli ta' funzjonament ħażin eventwali tal-aħħar minuta li jista' jkun partikolarment dovut għal użu eċċessiv tas-sistema.

L-Unità tas-Selezzjoni tat-Talenti mhijiex se taċċetta applikazzjonijiet li jitressqu bl-idejn.

Jekk għandek diżabilità jew tinsab f'sitwazzjoni partikolari (pereżempju tqala, treddigħ, stat ta' saħħa, terapija medika, eċċ.), li tista' tikkawża diffikultajiet waqt l-iżvolġiment tat-testijiet, għandek tindikaha fil-formola tal-applikazzjoni u tagħti kull informazzjoni utli sabiex l-amministrazzjoni tkun tista' tieħu l-miżuri kollha neċessarji fil-limiti ta' dak li jitqies bħala raġonevoli. Fejn xieraq, fil-formola tal-applikazzjoni tiegħek, għandek tagħti dettalji preċiżi utli dwar il-miżuri li taħseb li huma meħtieġa sabiex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tiegħek fit-testijiet. Innota li, biex it-talba tiegħek tkun tista' tiġi kkunsidrata, jeħtieġlek tibgħat ċertifikat maħruġ mill-awtorità nazzjonali tiegħek jew ċertifikat mediku. Id-dokumenti ġustifikattivi tiegħek jiġu eżaminati sabiex tkun tista' ssir akkomodazzjoni raġonevoli f'każ ta' bżonn.

3.2. **Kif tibgħat il-fajl komplut?**

(1) Applika online billi tuża l-link imniżżel fl-avviż u imla fid-dettall l-istadji kollha. Biex tagħmel dan, irid ikollok kont wieħed BISS fuq il-pjattaforma Apply4EP, li inti tista' toħloq billi tikklikkja fuq "Applika online".

(2) **Ehmeż id-dokumenti ġustifikattivi kollha meħtieġa**, wara li tkun ikkonvertejthom preferibbilment fil-format PDF. Hija responsabilità tiegħek li d-dokumenti li tipprovdi jkunu ta' kwalità tajba biżżejjed biex jinqraw. Il-pjattaforma Apply4EP tippermettilek ittella' dokumenti ta' mhux aktar minn **5 MB** għal kull dokument.

(3) Ivvalida l-applikazzjoni tiegħek billi ssegwi l-istruzzjonijiet tal-applikazzjoni u qabel id-data tal-iskadenza indikata fl-avviż. Qis li l-formola tal-applikazzjoni tiegħek tkun mimlija b'mod korrett u akkumpanjata mid-dokumenti ġustifikattivi kollha meħtieġa qabel tissottomettiha. Ladarba tkun ivvalidajtha, ma tkun tista' tibdilha bl-ebda mod u lanqas ma tkun tista' żżid dokumenti fiha.

3.3. **Liema dokumenti ġustifikattivi għandek tehmeż mal-fajl?**

3.3.1. *Ġenerali*

Id-dokumenti, preferibbilment fil-format PDF, li tkun tellajt meta tkun applikajt online mhux bilfors ikunu kopji ċċertifikati bħala awtentiċi.

Ir-referenzi għal siti web u għal kontijiet soċjali ma jikkostitwux dokumenti ġustifikattivi validi.

Dokumenti stampati minn siti tal-Internet mhumiex se jitqiesu bħala ċertifikati, iżda jistgħu jinħemżu bħala informazzjoni addizzjonali.

Curriculum vitæ mhuwiex meqjus bħala dokument ġustifikattiv tal-esperjenza professjonali, tad-diplomi jew, eventwalment, tal-għarfien lingwistiku.

Inti u tikkostitwixxi l-fajl tiegħek, ma tistax tirreferi għal formoli tal-applikazzjoni jew għal dokumenti oħra mtellgħin b'rabta ma' applikazzjoni preċedenti.

3.3.2. *Dokumenti ġustifikattivi għar-rekwiżiti ġenerali*

F'dan l-istadju l-ebda dokument ma huwa meħtieġ biex jiġġustifika li inti:

— ċittadin(a) ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

— tgawdi d-drittijiet ċivili tiegħek;

— tkun tissodisfa kull obbligu impost mil-liġijiet ta' reklutaġġ applikabbli fil-qasam militari;

— toffri l-garanziji ta' moralità mitluba għat-twettiq tal-funzjonijiet previsti;

— għandek għarfien tal-lingwi indikati fil-formola tal-applikazzjoni tiegħek, ħlief fil-każijiet speċifiċi previsti fl-avviż.

Inti trid timmarka l-kaxxa "Dikjarazzjoni ġuramentata". Meta tagħmel dan, inti tiddikjara solennement li tissodisfa dawn ir-rekwiżiti u li l-informazzjoni fornuta hija veritiera u kompluta. Dawn id-dokumenti se jintalbulek madankollu matul ir-reklutaġġ.

3.3.3. *Dokumenti ġustifikattivi għar-rekwiżiti speċifiċi*

Jeħtieġlek tipprovdi lill-bord ta' selezzjoni l-informazzjoni u d-dokumenti kollha li jippermettulu jivverifika l-eżattezza tal-informazzjoni msemmija fil-formola tal-applikazzjoni.

Diplomi u/jew ċertifikati li jiċċertifikaw it-tlestija tal-istudji

Jeħtieġlek tipprovdi, f'forma ta' dokumenti, preferibbilment fil-format PDF, mehmuża mal-applikazzjoni online, id-diplomi tal-edukazzjoni sekondarja jew ogħla, il-kwalifiki universitarji jew iċ-ċertifikati li jiċċertifikaw l-istudji tal-livell meħtieġ fl-avviż. Hija responsabilità tiegħek li d-dokumenti li tipprovdi jkunu ta' kwalità tajba biżżejjed biex jinqraw.

F'dan ir-rigward, il-bord ta' selezzjoni se jqis is-sistemi edukattivi differenti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (l-Anness I u l-Anness II ta' din il-gwida). Jekk id-diploma tiegħek tkun maħruġa minn pajjiż terz, trid tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni ta' ekwivalenza maħruġa minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Għad-diplomi postsekondarji, għandek tehmeż l-aktar informazzjoni dettaljata possibbli, speċjalment dwar it-tul ta' żmien tal-istudji u s-suġġetti studjati, sabiex il-bord ta' selezzjoni jkun jista' jivvaluta r-rilevanza tad-diplomi meta mqabbla man-natura tal-funzjonijiet.

Jekk ikollok taħriġ tekniku jew professjonali, kors ta' perfezzjonament jew speċjalizzazzjoni, jeħtieġlek tindika jekk kontx kors full time jew part time jew kors ta' filgħaxija, kif ukoll is-suġġetti u t-tul uffiċjali tal-korsijiet. Jekk jogħġbok tella' din l-informazzjoni f'dokument wieħed, preferibbilment fil-format PDF.

Esperjenza professjonali

Jekk l-avviż jeżiġi esperjenza professjonali, titqies biss dik li l-kandidati kisbu **wara l-kisba tad-diploma jew iċ-ċertifikat meħtieġ**. Huwa indispensabbli li d-dokumenti ġustifikattivi jagħtu prova **tat-tul u l-livell** tal-esperjenza professjonali u li **d-deskrizzjoni tal-kompiti** tkun **dettaljata kemm jista' jkun** sabiex il-bord ta' selezzjoni jkun jista' jivvaluta r-rilevanza tal-esperjenza b'rabta mad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet. Jekk għandek diversi dokumenti għall-istess esperjenza professjonali, jeħtieġlek ittellagħhom f'dokument wieħed. Il-pjattaforma Apply4EP tippermettilek ittella' dokumenti ta' mhux aktar minn 5 MB għal kull dokument.

Il-perjodi kollha tal-attività professjonali kkonċernati għandhom ikunu koperti minn dokumenti ġustifikattivi, speċjalment:

— ċertifikati mill-impjegatur tal-kandidat(a) preċedentement u mill-impjegatur tal-kandidat(a) fil-preżent li jiġġustifikaw l-esperjenza professjonali mitluba għall-aċċess għall-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni;

— jekk, minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità, il-kandidati ma jistgħux jehmżu ċ-ċertifikati tal-impjiegi meħtieġa, **huwa essenzjali li**, sabiex jissostitwixxuhom, ifornu fotokopji tal-kuntratt tax-xogħol jew tal-ittra ta' reklutaġġ u tal-ewwel u l-aħħar karta tal-paga;

— għal dawk li ma jaħdmux bħala impjegati (dawk li jaħdmu għal rashom, professjonijiet liberali, eċċ.), jistgħu jkunu aċċettati bħala prova riċevuti li jagħtu dettalji dwar is-servizzi fornuti jew kull dokument ġustifikattiv uffiċjali ieħor li jkun rilevanti.

Ħiliet fil-lingwi barranin

Għall-profili lingwisti, u jekk ikun mitlub mill-avviż, jeħtieġlek tiġġustifika t-tielet lingwa tiegħek u, eventwalment, ir-raba' lingwa tiegħek, fost l-erbgħa u għoxrin lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, billi tispeċifika l-livell ta' għarfien tal-lingwa.

Formola ta' dikjarazzjoni

Jekk l-avviż jirrikjedi li inti timla dikjarazzjoni, din għandha titniżżel, timtela kif xieraq, fil-kaxxa "Dikjarazzjoni" pprovduta għal dan il-għan meta tissottometti l-formola ta' applikazzjoni online, f'konformità mal-avviż. Jekk jogħġbok innota li n-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni, jew is-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni mhux kompluta, jagħmlu l-applikazzjoni inammissibbli.

4. SKWALIFIKA

Irrispettivament minn kwalunkwe stadju tal-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni, inti tkun f'riskju ta' skwalifika mill-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni jekk:

— tkun ħloqt aktar minn kont wieħed;

— tkun għamilt dikjarazzjonijiet foloz jew dikjarazzjonijiet mhux issostanzjati bid-dokumenti xierqa;

— ma tkunx attendejt għal wieħed mit-testijiet jew għal iktar;

— tkun qarraqt waqt it-testijiet;

— tkun għamilt tentattiv biex tikkuntattja membru tal-bord ta' selezzjoni b'mod mhux awtorizzat;

— tkun poġġejt il-firma tiegħek jew marka distintiva fuq it-testijiet bil-miktub jew prattiċi kkoreġuti b'mod anonimu;

— ma tkunx irrispettajt l-istruzzjonijiet mogħtija għat-testijiet online.

Il-kandidati kollha fir-reklutaġġ iridu jagħtu prova tal-ikbar integrità. Kull frodi jew tentattiv ta' frodi jkun soġġett għal sanzjonijiet.

5. AVVIŻ

Hija r-responsabilità tiegħek li tieħu l-miżuri kollha sabiex l-applikazzjoni online tiegħek, ikkompletata kif xieraq, u akkumpanjata mid-dokumenti ġustifikattivi meħtieġa kollha, tiġi vvalidata f'Apply4EP sal-iskadenza stabbilita fl-avviż.

Kull applikazzjoni li titressaq permezz ta' Apply4EP tiġi kkonfermata b'email li tispeċifika li l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata. Jekk jogħġbok iċċekkja l-folder tal-ispam tiegħek.

L-applikazzjonijiet sottomessi permezz ta' Apply4EP biss se jiġu kkunsidrati. Għaldaqstant, huwa inutli li tintbagħat applikazzjoni bil-posta, irreġistrata jew le. L-Unità tas-Selezzjoni tat-Talenti lanqas mhi se taċċetta applikazzjonijiet li jitressqu bl-idejn.

L-Unità tas-Selezzjoni tat-Talenti hija inkarigata mill-komunikazzjoni mal-kandidati sa tmiem il-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni.

Kull korrispondenza tal-Parlament Ewropew b'rabta mal-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni, inklużi l-istediniet għat-testijiet u l-komunikazzjoni tar-riżultati, se tintbagħat lill-kandidati bl-email fl-indirizz indikat fil-formola tal-applikazzjoni online fi ħdan Apply4EP. Hija r-responsabilità tal-kandidati li jivverifikaw regolarment il-messaġġi fil-mailbox tagħhom u li jaġġornaw id-dettalji personali tagħhom fil-kont tagħhom Apply4EP.

Il-kandidati huma mitluba ma jċemplux lill-Unità tas-Selezzjoni tat-Talenti. Huma għandhom iressqu kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollhom billi jwieġbu għall-email ta' konferma li jirċievu meta jressqu l-applikazzjoni tagħhom online.

Il-kandidati li għad m'għandhomx kont Apply4EP jew li għandhom problemi tekniċi huma mitluba jiktbu lil: PERS-APPLY4EPContacts@europarl.europa.eu.

Sabiex tinżamm l-indipendenza tal-bord ta' selezzjoni, kull kuntatt, dirett jew indirett, tal-kandidati mal-bord ta' selezzjoni huwa formalment ipprojbit u jista' jwassal għall-skwalifika.

6. INFORMAZZJONI ĠENERALI

6.1. **Opportunitajiet indaqs**

Il-Parlament Ewropew jiżgura li jevita kull forma ta' diskriminazzjoni.

Huwa japplika politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċetta l-applikazzjonijiet mingħajr ebda diskriminazzjoni, bħal pereżempju diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, il-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età, l-orjentament sesswali, l-istat ċivili jew is-sitwazzjoni tal-familja.

6.2. **Talbiet għal aċċess mill-kandidati għall-informazzjoni li tikkonċernahom**

Fil-kuntest tal-kompetizzjoni/proċeduri ta' selezzjoni, jiġi rikonoxxut id-dritt speċifiku tal-kandidati li jkollhom aċċess, skont il-kondizzjonijiet deskritti hawn taħt, għal ċerta informazzjoni li tikkonċernahom direttament u individwalment. Bis-saħħa ta' dan id-dritt, il-Parlament Ewropew jista' jagħti lil kandidati, fuq talba tiegħu, l-informazzjoni li ġejja:

(a) jekk fl-avviż hemm previst test b'mistoqsijiet b'għażla multipla (MCQ), il-kandidati li ma jkunux għaddew minn dan il-MCQ jistgħu jiksbu kopja tat-tweġibiet tagħhom flimkien mat-tabella tat-tweġibiet korretti. Kull talba għandha tiġi ppreżentata **fi żmien xahar** li jibda jiddekorri mid-data li fiha ntbagħtet l-email li tikkomunika r-riżultati permezz tal-kont Apply4EP.

(b) jekk l-istadju tal-valutazzjoni tal-kwalifiki jkun previst fl-avviż, il-kandidati li ma jkunux ġew ammessi għat-testijiet ikunu jistgħu jiksbu kopja tal-iskeda ta' valutazzjoni tal-kwalifiki individwali tagħhom. Kull talba għandha tiġi ppreżentata **fi żmien xahar** li jibda jiddekorri mid-data li fiha ntbagħtet l-email li tikkomunika d-deċiżjoni permezz tal-kont Apply4EP.

(c) jekk ikun(u) previst(i) test(ijiet) bil-miktub fl-avviż, il-kandidati li ma jkunux għaddew mit-test(ijiet) bil-miktub jew li ma jkunux ġew mistiedna għat-testijiet orali jistgħu jiksbu kopja mhux immarkata tal-eżami(ijiet) bil-miktub tagħhom u kopja tal-folji ta' evalwazzjoni individwali tagħhom, kif ukoll, jekk ikun il-każ, skont il-proċedura, il-marki li jkunu ngħatawlhom mill-mistoqsija tat-Talent Screener (evalwazzjoni tal-kapaċitajiet)/skont il-kriterju tal-evalwazzjoni tal-kwalifiki. Kull talba għandha tiġi ppreżentata **fi żmien xahar** li jibda jiddekorri mid-data li fiha ntbagħtet l-email li tikkomunika d-deċiżjoni permezz tal-kont Apply4EP.

(d) il-kandidati li jkunu ġew mistiedna għat-testijiet orali u li isimhom ma jkunx inżamm fil-lista tal-kandidati idonei jiġu informati bil-punteġġ li jkunu kisbu fit-testijiet differenti biss wara li bord ta' selezzjoni jkun stabbilixxa din il-lista tal-kandidati idonei. Fuq talba tagħhom, huma jkunu jistgħu jiksbu kopja mhux immarkata tal-eżami(ijiet) bil-miktub tagħhom u, għal kull wieħed mill-eżamijiet, bil-miktub jew orali, kopja tal-folji ta' evalwazzjoni individwali u, fejn xieraq, skont il-proċedura, il-punti mogħtija lilhom mill-mistoqsija tat-Talent Screener (evalwazzjoni tal-kapaċitajiet)/skont il-kriterju tal-evalwazzjoni tal-kwalifiki. Kull talba għal kopja għandha tiġi ppreżentata **fi żmien xahar** li jibda jiddekorri mid-data li fiha ntbagħtet l-email li tikkomunika d-deċiżjoni li isimhom ma jiġix inkluż fil-lista tal-kandidati idonei permezz tal-kont Apply4EP.

(e) il-kandidati mniżżla fil-lista ta' kandidati idonei jiġu informati biss li huma għaddew mill-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni. Il-kandidati jistgħu madankollu jintroduċu talba għal aċċess għall-informazzjoni skont il-punti a), b), c) u d) hawn fuq.

L-ipproċessar ta' dawn it-talbiet irid ikun kompatibbli mas-segretezza tax-xogħlijiet tal-bord ta' selezzjoni prevista mir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (l-Anness III, l-Artikolu 6) li jipprekludi kemm id-divulgazzjoni tal-attitudnijiet meħuda mill-bord ta' selezzjoni kif ukoll id-divulgazzjoni tal-elementi kollha relatati ma' valutazzjonijiet ta' natura personali jew komparattiva dwar il-kandidati. Dawn it-talbiet jiġu wkoll ipproċessati fir-rispett tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi rigward l-ipproċessar tad-data personali. Il-Parlament se jirrispondi għat-talbiet għall-aċċess fi żmien xahar minn meta jirċievi t-talba.

6.3. **Protezzjoni tad-data personali**

Il-Parlament Ewropew, bħala l-korp responsabbli għall-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet/tal-proċeduri ta' selezzjoni, jiżgura li d-data personali tal-kandidati tiġi pproċessata fir-rispett sħiħ tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), speċjalment rigward il-kunfidenzjalità u s-sigurtà tagħhom.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

6.4. **Spejjeż tal-ivvjaġġar u tal-alloġġ f'każ ta' testijiet organizzati bi preżenza fiżika**

F'każ ta' testijiet organizzati bi preżenza fiżika, tingħata kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-alloġġ lill-kandidati mistiedna. Il-kandidati jiġu informati bl-arranġamenti u bit-tariffi applikabbli fl-istedina tagħhom għat-testijiet.

L-indirizz indikat mill-kandidati fil-formola tal-applikazzjoni jitqies bħala l-post li minnu l-kandidati jitilqu biex jattendu t-testijiet li għalihom ġew mistiedna. F'dan ir-rigward, bidla fl-indirizz ikkomunikata mill-kandidati wara li l-Parlament Ewropew ikun bagħat l-istedina għat-testijiet ma tistax tiġi kkunsidrata, ħlief jekk il-Parlament Ewropew iqis li ċ-ċirkostanzi msemmija mill-kandidati jkunu ekwivalenti għal forza maġġuri jew ikun każ eċċezzjonali.

7. TALBIET GĦAL RIEŻAMI — ILMENTI U APPELLI – ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

L-informazzjoni rigward it-talbiet għal rieżami, l-ilmenti, l-appelli u l-ilmenti lill-Ombudsman Ewropew jinsabu fl-Anness III ta' din il-gwida.

ANNESS I

Tabella indikattiva tad-diplomi tal-Unjoni Ewropea li jagħtu aċċess għall-kompetizzjonijiet/proċeduri ta' selezzjoni tal-grupp ta' funzjonijiet AD [1] (kull każ għandu jiġi eżaminat għalih)

PAJJIŻ	Edukazzjoni ta' livell universitarju – 4 snin jew aktar	Edukazzjoni ta' livell universitarju – 3 snin jew aktar
Belgique – België – Belgien	Licence/Licentiaat/Diplôme d'études approfondies (DEA)/Diplôme d'études spécialisées (DES)/Diplôme d'études supérieures spécialisées (DESS)/Gediplomeerde in de Voortgezette Studies (GVS)/Gediplomeerde in de Gespecialiseerde Studies (GGS)/Gediplomeerde in de Aanvullende Studies (GAS) Agrégation de l'enseignement secondaire supérieur (AESS)/Aggregaat Ingénieur industriel/Industrïeel ingenieur/Master — 60/120 ECTS/Master complémentaire — 60 ECTS ou plus Agrégation de l'enseignement secondaire supérieur (AESS) — 30 ECTS Doctorat/Doctoraal Diploma	Bachelor académique (dit "de transition") – 180 ECTS Academisch gerichte Bachelor – 180 ECTS
България	Диплома за висше образование Бакалавър — 240 ECTS/Магистър — 300 ECTS/Доктор Магистър след Бакалавър — 60 ECTS/Магистър след Професионален бакалавър по … — 120 ECTS	
Česká republika	Diplom o ukončení vysokoškolského studia/Magistr/Doktor	Diplom o ukončení bakalářského studia (Bakalář)
Danmark	Kandidatgrad/Candidatus/Master/Magistergrad (Mag.Art)/Licenciatgrad/Ph.d.-grad	Bachelorgrad (B.A or B. Sc)/Professionsbachelorgrad/Diplomingeniør
Deutschland	Master (alle Hochschulen)/Diplom (Univ.)/Magister/Staatsexamen/Doktorgrad	Bachelor/Fachhochschulabschluss (FH) Staatsexamen (Regelstudienzeit 3 Jahre)

[1] L-aċċess għall-gradi 7 sa 16 tal-grupp ta' funzjonijiet AD huwa soġġett għall-kondizzjoni addizzjonali ta' esperjenza professjonali adegwata ta' mill-anqas sena.

PAJJIŻ	Edukazzjoni ta' livell universitarju – 4 snin jew aktar	Edukazzjoni ta' livell universitarju – 3 snin jew aktar
Eesti	Rakenduskõrghariduse diplom Bakalaureusekraad (160 ainepunkti)/Magistrikraad/Arstikraad/Hambaarstikraad/Loomaarstikraad/Filosoofiadoktor/Doktorikraad (120–160 ainepunkti)	Bakalaureusekraad (min 120 ainepunkti)/Bakalaureusekraad (< 160 ainepunkti)
Éire/Ireland	Céim Onórach Bhaitsiléara (4 bliana/240 ECTS) *Honours Bachelor Degree* (4 *years*/240 ECTS)/Céim Ollscoile *University Degree*/ Céim Mháistir (60-120 ECTS) *Master's Degree* (60-120 ECTS)/Céim Dochtúra *Doctorate*	Céim Onórach Bhaitsiléara (3 bliana/180 ECTS) (BA, B.Sc, B. Eng) *Honours Bachelor Degree* (3 *years*/180 ECTS) (BA, B.Sc, B. Eng)
Ελλάδα	Πτυχίο (ΑΕΙ πανεπιστημίου, πολυτεχνείου, ΤΕΙ υποχρεωτικής τετραετούς φοίτησης) 4 χρόνια (1ος κύκλος) Μεταπτυχιακό Δίπλωμα Ειδίκευσης (2ος κύκλος) Διδακτορικό Δίπλωμα (3ος κύκλος)	
España	Licenciado/Ingeniero/Arquitecto/Graduado/Máster Universitario/Doctor	Diplomado/Ingeniero técnico Arquitecto técnico/Maestro
France	Maîtrise/MST (maîtrise des sciences et techniques)/MSG (maîtrise des sciences de gestion) DEST (diplôme d'études supérieures techniques)/DRT (diplôme de recherche technologique) DESS (diplôme d'études supérieures spécialisées)/DEA (diplôme d'études approfondies) Master 1/Master 2 professionnel/Master 2 recherche Diplôme des grandes écoles/Diplôme d'ingénieur/Doctorat	Licence

PAJJIŻ	Edukazzjoni ta' livell universitarju – 4 snin jew aktar	Edukazzjoni ta' livell universitarju – 3 snin jew aktar
Italia	Diploma di Laurea (DL) — da 4 a 6 anni/Laurea specialistica (LS)/Laurea magistrale (LM)/Master universitario di primo livello/Master universitario di secondo livello/Diploma di Specializzazione (DS)/Dottorato di ricerca (DR)	Diploma universitario (3 anni)/Diploma di Scuola diretta a fini speciali (3 anni)/Laurea — L180 crediti
Κύπρος	Πανεπιστημιακό Πτυχίο/Bachelor Master/Doctorat	
Latvija	Bakalaura diploms (160 kredīti)/Profesionālā bakalaura diploms/Maģistra diploms/Profesionālā maģistra diploms/Doktora grāds	Bakalaura diploms (min. 120 kredīti)
Lietuva	Aukštojo mokslo diplomas/Bakalauro diplomas/Magistro diplomas/Daktaro diplomas/Meno licenciato diplomas	Profesinio bakalauro diplomas Aukštojo mokslo diplomas
Lussemburgu	Master/Diplôme d'ingénieur industriel/DESS en droit européen	Bachelor/Diplôme d'ingénieur technicien
Magyarország	Egyetemi oklevél/Alapfokozat – 240 kredit/Mesterfokozat/Doktori fokozat	Főiskolai oklevél/Alapfokozat – 180 kredit vagy annál több
Malta	Bachelor's degree/Master of Arts/Doctorate	Bachelor's degree
Nederland	HBO Bachelor degree HBO/WO Master's degree Doctoraal examen/Doctoraat	Bachelor (WO)
Österreich	Master Magister/Magistra Magister/Magistra (FH) Diplom-Ingenieur/in Diplom-Ingenieur/in (FH) Doktor/in PhD	Bachelor Bakkalaureus/Bakkalaurea Bakkalaureus/Bakkalaurea (FH)

PAJJIŻ	Edukazzjoni ta' livell universitarju – 4 snin jew aktar	Edukazzjoni ta' livell universitarju – 3 snin jew aktar
Polska	Magister/Magister inżynier Dyplom doktora	Licencjat/Inżynier
Portugal	Licenciado/Mestre/Doutor	Bacharel/Licenciado
Repubblika Hrvatska	Baccalaureus/Baccalaurea (Sveučilišni Prvostupnik/Prvostupnica) Stručni Specijalist Master degree (magistar struke) 300 kredit min magistar inženjer/magistrica inženjerka (mag. ing) Doktor struke/Doktor umjetnosti	Baccalaureus/Baccalaurea (Sveučilišni Prvostupnik/Prvostupnica)
România	Diplomă de Licență/Diplomă de inginer/Diplomă de urbanist/Diplomă de Master/Diplomă de Studii Aprofundate/Certificat de atestare (studii academice postuniversitare)/Diplomă de doctor	Diplomă de Licență
Slovenija	Univerzitetna diploma/Magisterij/Specializacija/Doktorat	Diploma o pridobljeni visoki strokovni izobrazbi
Slovensko	diplom o ukončení vysokoškolského štúdia/bakalár (Bc.)/magister magister/inžinier/ArtD	diplom o ukončení bakalárskeho štúdia (bakalár)
Suomi/ Finland	Maisterin tutkinto — Magister-examen Ammattikorkeakoulututkinto — Yrkeshögskoleexamen (min 160 opintoviikkoa — studieveckor) Tohtorin tutkinto (Doktorsexamen) joko 4 vuotta tai 2 vuotta lisensiaatin tutkinnon jälkeen — antingen 4 år eller 2 år efter licentiatexamen/Lisensiaatti/Licentiat	Kandidaatin tutkinto – Kandidatexamen/Ammattikorkeakoulututkinto - Yrkeshögskoleexamen (min 120 opintoviikkoa — studieveckor)

PAJJIŻ	Edukazzjoni ta' livell universitarju – 4 snin jew aktar	Edukazzjoni ta' livell universitarju – 3 snin jew aktar
Sverige	Magisterexamen (akademisk examen omfattande minst 160 poäng varav 80 poäng fördjupade studier i ett ämne + uppsats motsvarande 20 poäng eller två uppsatser motsvarande 10 poäng vardera)/Licentiatexamen/Doktorsexamen Meriter på avancerad nivå: Magisterexamen, 1 år, 60 högskolepoäng/Masterexamen, 2 år, 120 högskolepoäng Meriter på forskarnivå: Licentiatexamen, 2 år, 120 högskolepoäng/Doktorsexamen, 4 år, 240 högskolepoäng	Kandidatexamen (akademisk examen omfattande minst 120 poäng varav 60 poäng fördjupade studier i ett ämne + uppsats motsvarande 10 poäng) Meriter på grundnivå: Kandidatexamen, 3 år, 180 högskolepoäng (Bachelor)
United Kingdom	Honours Bachelor degree/Master's degree (MA, MB, MEng, MPhil, Msc)/Doctorate	(Honours) Bachelor degree NB: Master's degree in Scotland
	NOTE: UK diplomas awarded in 2020 (until 31 December 2020) are accepted without an equivalence. UK diplomas awarded as from 1 January 2021 must be accompanied by an equivalence issued by a competent authority of an EU Member State.	

ANNESS II

Tabella indikattiva tad-diplomi tal-Unjoni Ewropea li jagħtu aċċess għall-kompetizzjonijiet/proċeduri ta' selezzjoni tal-grupp ta' funzjonijiet AST [1] (kull każ għandu jiġi eżaminat għalih)

PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja)	Edukazzjoni postsekondarja (kors postsekondarju mhux universitarju jew kors universitarju qasir ta' perjodu legali ta' mill-anqas sentejn)
Belgique – België – Belgien	Certificat de l'enseignement secondaire supérieur (CESS)/Diploma secundair onderwijs/Diplôme d'aptitude à accéder à l'enseignement supérieur (DAES)/Getuigschrift van hoger secundair onderwijs/Diplôme d'enseignement professionnel/Getuigschrift van het beroepssecundair onderwijs	Candidature – Kandidaat Graduat – Gegradueerde Bachelier (dit "professionnalisant" ou de "type court")/Professioneel gerichte Bachelor — 180 ECTS
България	Диплома за средно образование/Свидетелство за зрелост/Диплома/Диплома за завършено средно образование/Диплома за средно специално образование	Специалист по …
Česká republika	Vysvědčení o maturitní zkoušce	Vysvědčení o absolutoriu (Absolutorium) + diplomovaný specialista (DiS.)
Danmark	Bevis for: Studentereksamen Højere Forberedelseseksamen (HF)/Højere Handelseksamen (HHX)/Højere Afgangseksamen (HA)/Bevis for Højere Teknisk Eksamen (HTX)	Videregående uddannelser = Bevis for = Eksamensbevis som (erhversakademiuddannelse AK)
Deutschland	Allgemeine Hochschulreife/Abitur/Fachgebundene Hochschulreife/Fachhochschulreife/Hochschulzugang für beruflich Qualifizierte	
Eesti	Gümnaasiumi lõputunnistus + riigieksamitunnistus Lõputunnistus kutsekeskhariduse omandamise kohta	Tunnistus keskhariduse baasil kutsekeskhariduse omandamise kohta

[1] L-aċċess għall-grupp ta' funzjonijiet AST huwa soġġett għall-kondizzjoni addizzjonali ta' esperjenza professjonali xierqa ta' mill-anqas tliet snin.

PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja)	Edukazzjoni postsekondarja (kors postsekondarju mhux universitarju jew kors universitarju qasir ta' perjodu legali ta' mill-anqas sentejn)
Éire/Ireland	Ardteistiméireacht Grád D3 i 5 ábhar/*Leaving Certificate Grade D3 in 5 subjects*/Gairmchlár na hArdteistiméireachta (GCAT)/*Leaving Certificate Vocational Programme* (LCVP)	Teastas Náisiúnta/*National Certificate*/ Céim Bhaitsiléara/*Ordinary Bachelor Degree* Dioplóma Náisiúnta (ND, Dip.)/*National Diploma* (ND, Dip.)/Dámhachtain Ardteastas Ardoideachais (120 ECTS)/*Higher Certificate* (120 ECTS)
Ελλάδα	α) Απολυτήριο Γενικού Λυκείου β) Απολυτήριο Κλασικού Λυκείου γ) Απολυτήριο Τεχνικού — Επαγγελματικού Λυκείου δ) Απολυτήριο Ενιαίου Πολυκλαδικού Λυκείου Απολυτήριο Ενιαίου Λυκείου/Απολυτήριο Τεχνολογικού Επαγγελματικού Εκπαιδευτηρίου/Απολυτήριο Γενικού Λυκείου/Απολυτήριο Επαγγελματικού Λυκείου	Δίπλωμα επαγγελματικής κατάρτισης (ΙΕΚ)
España	Bachillerato Unificado y Polivalente (BUP) + Curso de Orientación Universitaria (COU)/Bachillerato	Técnico superior/Técnico especialista
France	Baccalauréat/Diplôme d'accès aux études universitaires (DAEU)/Brevet de technicien	Diplôme d'études universitaires générales (DEUG)/Brevet de technicien supérieur (BTS)/Diplôme universitaire de technologie (DUT)/Diplôme d'études universitaires scientifiques et techniques (DEUST)
Italia	Diploma di scuola secondaria superiore (diploma di maturità o esame di Stato conclusivo dei corsi di studio di istruzione secondaria superiore)	Certificato di specializzazione tecnica superiore/attestato di competenza (4 semestri) Diploma di istruzione e formazione tecnica superiore (IFTS)/Diploma di istruzione tecnica superiore (ITS) Diploma universitario (2 anni) Diploma di Scuola diretta a fini speciali (2 anni)
Κύπρος	Απολυτήριο	Δίπλωμα = Programmes offered by Public/Private Schools of Higher Education (for the latter accreditation is compulsory)/Higher Diploma
Latvija	Atestāts par vispārējo vidējo izglītību Diploms par profesionālo vidējo izglītību	Diploms par pirmā līmeņa profesionālo augstāko izglītību

PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja)	Edukazzjoni postsekondarja (kors postsekondarju mhux universitarju jew kors universitarju qasir ta' perjodu legali ta' mill-anqas sentejn)
Lietuva	Brandos atestatas	Aukštojo mokslo diplomas Aukštesniojo mokslo diplomas
Lussemburgu	Diplôme de fin d'études secondaires et techniques	Brevet de technicien supérieur (BTS)/Brevet de maîtrise/Diplôme de premier cycle universitaire (DPCU)/Diplôme universitaire de technologie (DUT)
Magyarország	Gimnáziumi érettségi bizonyítvány/Szakközép-iskolai érettségiképesítő bizonyítvány/Érettségi bizonyítvány	Bizonyítvány felsőfokú szakképesítésről
Malta	Advanced Matriculation or GCE Advanced level in 3 subjects (2 of them grade C or higher)/Matriculation certificate (2 subjects at Advanced level and 4 at Intermediate level including systems of knowledge with overall grade A-C) + Passes in the Secondary Education Certificate examination at Grade 5/ 2 A Levels (passes A-E) + a number of subjects at Ordinary level, or equivalent	MCAST diplomas/certificates Higher National Diploma
Nederland	Diploma VWO/Diploma staatsexamen (2 diploma's)/Diploma staatsexamen voorbereidend wetenschappelijk onderwijs (Diploma staatsexamen VWO)/Diploma staatsexamen hoger algemeen voortgezet onderwijs (Diploma staatsexamen HAVO)	Kandidaatsexamen Associate degree (AD)
Österreich	Matura/Reifeprüfung Reife-und Diplomprüfung Berufsreifeprüfung	Kollegdiplom Akademiediplom
Polska	Świadectwo dojrzałości Świadectwo ukończenia liceum ogólnokształcącego	Dyplom ukończenia kolegium nauczycielskiego Świadectwo ukończenia szkoły policealnej
Portugal	Diploma de Ensino Secundário/Certificado de Habilitações do Ensino Secundário	

PAJJIŻ	Edukazzjoni sekondarja (li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja)	Edukazzjoni postsekondarja (kors postsekondarju mhux universitarju jew kors universitarju qasir ta' perjodu legali ta' mill-anqas sentejn)
Repubblika Hrvatska	Svjedodžba o državnoj maturi Svjedodžba o zavrsnom ispitu	Associate degree Graduate specialist Stručni Pristupnik/Pristupnica
România	Diplomă de bacalaureat	Diplomă de absolvire (Colegiu universitar) învățământ preuniversitar
Slovenija	Maturitetno spričevalo (Spričevalo o poklicni maturi) (Spričevalo o zaključnem izpitu)	Diploma višje strokovne šole
Slovensko	vysvedčenie o maturitnej skúške	absolventský diplom
Suomi/ Finland	Ylioppilastutkinto tai peruskoulu + kolmen vuoden ammatillinen koulutus – Studentexamen eller grundskola + treårig yrkesinriktad utbildning (Betyg över avlagd yrkesexamen på andra stadiet) Todistus yhdistelmäopinnoista (Betyg över kombinationsstudier)	Ammatillinen opistoasteen tutkinto — Yrkesexamen på institutnivå
Sverige	Slutbetyg från gymnasieskolan (3-årig gymnasial utbildning)	Högskoleexamen (80 poäng) Högskoleexamen, 2 år, 120 högskolepoäng Yrkeshögskoleexamen/Kvalificerad yrkeshögskoleexamen, 1– 3 år
United Kingdom	General Certificate of Education Advanced level — 2 passes or equivalent (grades A to E) BTEC National Diploma General National Vocational Qualification (GNVQ), advanced level Advanced Vocational Certificate of Education, A level (VCE A level)	Higher National Diploma/Certificate (BTEC)/SCOTVEC Diploma of Higher Education (DipHE) National Vocational Qualifications (NVQ) and Scottish Vocational Qualifications (SVQ) level 4
	NOTE: UK diplomas awarded in 2020 (until 31 December 2020) are accepted without an equivalence. UK diplomas awarded as from 1 January 2021 must be accompanied by an equivalence issued by a competent authority of an EU Member State.	

ANNESS III

Talbiet għal rieżami — Ilmenti u appelli — Ilmenti lill-Ombudsman Ewropew

A. **Talbiet għal rieżami**

Inti tista' titlob lill-bord ta' selezzjoni jirrieżamina d-deċiżjoni tiegħu meta jkun iddeċieda li:

— m'intix eleġibbli għall-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni;

— ma jistidnekx għal test (bil-miktub jew orali).

Id-deċiżjoni li kandidat ma jiġix inkluż fil-lista tal-kandidati idonei ma tistax tkun soġġetta għal rieżami mill-bord ta' selezzjoni.

It-talbiet għal rieżami għandhom jintbagħtu permezz tal-kont Apply4EP tiegħek fi żmien **għaxart ijiem kalendarji li jiddekorru mid-data meta tintbagħat l-email li tinnotifika d-deċiżjoni tal-bord ta' selezzjoni**. It-tweġiba tiġi nnotifikata lill-persuna kkonċernata mill-aktar fis possibbli.

Deċiżjoni adottata wara talba għal rieżami tissostitwixxi d-deċiżjoni inizjali. Minħabba f'hekk, meta wieħed jew waħda mill-kandidati jiddeċiedu li jressqu talba għal rieżami kontra deċiżjoni tal-bord ta' selezzjoni, huma jintalbu jistennew it-tweġiba tal-bord ta' selezzjoni qabel ma jressqu, eventwalment, ilment jew appell ġudizzjarju kontra d-deċiżjoni li qed taffettwahom negattivament.

B. **Ilmenti u appelli ġudizzjarji**

Jekk inti tqis li deċiżjoni tal-bord ta' selezzjoni jew ta' awtorità tal-ħatra tkun affettwatek negattivament, inti tista' tressaq, fi kwalunkwe stadju tal-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni, appell abbażi tal-Artikolu 90(2), tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ([1]).

L-appell għandu jiġi indirizzat lil:

M. le Secrétaire général
Parlement européen
Bât. Konrad Adenauer
L-2929 Luxembourg
LUXEMBOURG

Għandu jiġi nnutat li l-awtorità tal-ħatra ma tistax timmodifika jew tħassar id-deċiżjonijiet tal-bord ta' selezzjoni tal-kompetizzjoni/proċedura ta' selezzjoni. Jekk inti tixtieq tikkontesta deċiżjoni ta' bord ta' selezzjoni, inti tista' tressaq direttament appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea anke jekk preċedentement ma jkun ġie ppreżentat ebda lment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Meta tikkontesta deċiżjoni tal-awtorità tal-ħatra, ikun biss possibbli li tippreżenta appell lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea wara li tkun ippreżentajt ilment.

Appell ġudizzjarju għandu jitressaq lil:

Tribunal de l'Union européenne
L-2925 Luxembourg
LUXEMBOURG,

abbażi tal-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 91 tar-Regolament tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

It-tressiq ta' appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ b'mod obbligatorju l-intervent ta' avukat li jista' jeżerċita quddiem ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea.

Il-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u li japplikaw għal dawn iż-żewġ tipi ta' appelli jibdew jgħoddu, jew mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni inizjali li tolqtok b'mod negattiv jew, fil-każ ta' talba għal rieżami, mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni meħuda mill-bord ta' selezzjoni wara r-rieżami.

([1]) ĠU 45, 14.6.1962, p. 1385/62. Test konsolidat: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20230101

C. **Tressiq ta' lment lill-Ombudsman Ewropew**

Il-kandidati, bħala ċittadini jew residenti tal-Unjoni Ewropea, jistgħu jindirizzaw ilment lil:

Médiateur européen
1 Avenue du Président Robert Schuman – BP 403
67001 STRASBOURG CEDEX
FRANCE,

skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont il-kondizzjonijiet previsti mid-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tal-Parlament Ewropew ([2]).

Il-kandidati għandhom jieħdu nota li r-riferimenti lill-Ombudsman ma jissospendux il-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għat-tressiq ta' appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea abbażi tal-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Bi qbil mal-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Ombudsman Ewropew ma jeżaminax l-ilmenti meta l-fatti allegati huma jew kienu s-suġġett ta' proċedura ġuridika.

It-tressiq ta' talba għal rieżami, ta' lment, ta' appell, jew ta' lment lill-Ombudsman Ewropew ma jwaqqafx il-ħidma tal-bord ta' selezzjoni.

([2]) Id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman (ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15).

FORMOLA TA' DIKJARAZZJONI

PE/281/S/FINS

Isem:		
Kunjom:		
Napplika għall-grad li ġej:	**AD 9**	**AD 6**
Nagħti l-kunsens tiegħi għall-possibbiltà ta' tqassim mill-ġdid għall-grad AD 6 fl-eventwalità li ma nissodisfax ir-rekwiżiti ta' eleġibilità għall-grad AD 9, iżda nissodisfa dawk għall-grad AD 6.	☐ Iva, nagħti l-kunsens. ☐ Le, ma nagħtix il-kunsens.	☐ Napplika għall-grad 6 u nifhem li t-tqassim mill-ġdid għall-grad AD 9 mhuwiex possibbli, konformement mal-avviż tal-kompetizzjoni.